MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru. 651/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ernest Cilia bin Emanuel u Matilda nee' Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar, 1961 u residenti Flat 7, Carlo Flats,
Triq il-Qbajjar, Marsalforn l/o Zebbug, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 141661(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ernest Cilia li gie akkuzat talli f'Ghawdex nhar is-07/09/2008 filghodu:

1) Saq m/c CBO 659 ghamla KYMCO ta' kulur silver minghajr licenzja tas-sewqan Gp A mahruga mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta;
2) Saq m/c CBO 659 ghamla KYMCO ta' kulur silver minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3) Aktar talli garr izjed minn persuna wahda bhala passiggiera fuq l-imsemmi m/c CBO 659;
4) Aktar talli fl-istess data u fl-10:00 hrs fi Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex u wara nofs inhar fi Triq il-Forn, Marsalforn uza il-vettura CBO 659 u pparkja l-imsemmija vettura fit-triq minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' u mgedda kull sena;
5) Akkuzat ukoll talli fis-07/09/2008 f'Ghawdex wara 14:00hrs minkejja ordnat mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja b'digriet numru 46/2008 AE datat 01/09/2008 sabiex taghti access tal-wild komuni taghhom Vadim lil Viorka Pylog irrifjuta li jaghmel dan minghajr raguni xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi lill-imputat minn kull licenja tas-sewqan ghal perjodu ta'
Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 15 tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u specifikatament ix-xhieda tas-Surgent PS 1040 irrizulta illi l-imputat ammetta mieghu meta giet interrogat illi huwa kien saq il-motor cycle in kwistjoni meta dana ma kellux la licenzja tas-sewqan u lanqas assikurazzjoni skont il-Ligi. Illi t-tielet (3) akkuza ma gietx ippruvata. Ghar-rigward tar-raba (4) akkuza din hija kompriza u involuta fl-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi. Finalment ghar-rigward tal-hames (5) akkuza

fid-dawl tar-renunzja maghmula mill-kwerelanta llum, il-procediment huwa ezawrit ghall-fini tal-istess;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tilliberah mit-tielet (3) akkuza u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-hames (5) akkuza, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah multa ta’ elfejn seba’ mija u hamsin ewro (€2750);

Illi l-Qorti ma hijiex ser tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------